MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 460/2009

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs**

**Anthony Camilleri (ID 576155M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef u erbgha u hamsin Ewro u erba u erbghin centezmu (€7054.44) rapprezentanti bilanc ta' import ta' kambjala skaduta, accettata u iffirmata mill-intimat.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010 u tat-17 ta' Jannar 2011 a fol 23 u fol 25 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-17 ta' Jannar 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat li l-kambjala in kwistjoni ma’ gietx esebita u ghalhekk ma ingiebx a konjizzjoni tal-Qorti d-data ta’ skadenza taghha.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €7054.44 bl-imghax legali mit-18 ta’ Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------